A.L. 31 ta' l-1986

ATT TA' L-1948 DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME'

(ATT NRU. LIV TA' L-1948)

Ordni ta' l-1986 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-'Income') (Repubblika ta' l-Italja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 68A ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1986 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika ta' l-Italja). Titolu.

2. Qiegħed jiġi hawnhekk dikjarat — Arranġamenti jkollhom seħħ.

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni ġew magħmula mal-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja sabiex jingħata ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin stabbiliti bil-liġijiet tar-Repubblika ta' l-Italja:

(i) it-taxxa fuq l-*income* personali *(l'imposta sul reddito delle persone fisiche);*

(ii) it-taxxa fuq l-*income* ta' korporazzjonijiet *(l'imposta sul reddito delle persone giuridiche);*

ukoll jekk ikunu miġbura bi tnaqqis ta' taxxa minn ras il-għajn (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' l-Italja");

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti jkollhom effett.

SKEDA

FTEHIM

BEJN

IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA

U

L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' L-ITALJA

GĦALL-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA

DWAR TAXXI FUQ L-INCOME

U BIEX TIĠI EVITATA EVAŻJONI FISKALI

Il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja billi jixtiequ jagħmlu Ftehim għall-Ħelsien minn Taxxa Doppja dwar Taxxi fuq l-*Income* u Biex Tiġi Evitata Evażjoni Fiskali, ftiehmu kif ġej:

KAPITLU I

Għan tal-Ftehim

ARTIKLU 1

Għan Personali

Dan il-Ftehim għandu japplika għall-persuni li huma residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn.

ARTIKLU 2

Taxxi Koperti

(1) Dan il-Ftehim għandu japplika għal taxxi fuq l-*income* imposti f'isem kull wieħed mill-Istati Kontraenti jew mis-sottodiviżjonijiet politiċi jew amministrattivi tiegħu jew mill-awtoritajiet lokali, hu li hu l-mod li bih jinġabru.

(2) Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* it-taxxi kollha mposti fuq l-*income* totali, jew fuq elementi ta' *income*, inklużi t-taxxi fuq il-qliegħ mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli jew immobbli, taxxi fuq l-ammont totali ta' pagi jew salarji mħallsa minn impriżi, kif ukoll taxxi fuq apprezzament ta' kapital.

(3) It-taxxi eżistenti li għalihom japplika dan il-Ftehim huma:

(a) fil-każ ta' l-Italja:

(i) it-taxxi fuq l-*income* personali *(l'imposta sul reddito delle persone fisiche);*

(ii) it-taxxi fuq l-*income* ta' korporazzjonijiet *(l'imposta sul reddito delle persone giuridiche);*

ukoll jekk ikunu miġbura bi tnaqqis ta' taxxa minn ras il-għajn
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' l-Italja");

(b) fil-każ ta' Malta:

it-taxxa fuq l-*income* u soprataxxa, inklużi ħlasijiet bil-quddiem ta' taxxa sew jekk bi tnaqqis minn ras il-għajn jew xort'oħra,
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

(4) Dan il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxi bħalhom jew li sostanzjalment jixbħuhom li jiġu mposti wara d-data li fiha dan il-Ftehim jiġi ffirmat b'żieda ma' jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin b'kull tibdil sinjifikanti li jkun sar fil-liġijiet dwar it-taxxi rispettivi tagħhom.

(5) Meta l-Ftehim jipprovdi li *income* li jinqala' fi Stat Kontraenti għandu jkun ħieles mit-taxxa f'dak l-Istat, sew f'kollox sew f'parti, u, taħt il-liġi li tkun issehħ fl-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-*income* jkun suġġett għat-taxxa b'riferenza għall-ammont kollu tiegħu li jintbagħat lil jew li jiġi riċevut f'dak l-Istat l-ieħor u mhux b'riferenza għall-ammont kollu tiegħu, allura l-ħelsien li għandu jingħata fl-Ewwel Stat imsemmi jkun japplika biss għal dak l-*income* li jintbagħat lil jew li jiġi riċevut fl-Istat l-ieħor.

KAPITLU II

Tifsiriet

ARTIKLU 3

Tifsiriet Ġenerali

(1) F'dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(a) il-frażi "Italja" tfisser ir-Repubblika ta' l-Italja;

(b) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta;

(ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru l-Italja jew Malta skond ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija jew xi korp ieħor ta' persuni;

(e) il-frażi "kumpannija" tfisser kull għaqda korporata jew kull entità li titqies bħala għaqda korporata għall-finijiet ta' taxxa;

(f) il-frażijiet "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża li titmexxa minn persuna residenti ta' Stat Kontraenti u mpriża li titmexxa minn persuna residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ġ) il-frażi "nazzjonali" tfisser:

(i) dwar l-Italja, kull individwu li jkollu n-nazzjonalità ta' l-Italja, u kull persuna, soċjetà jew assoċjazzjoni ġuridika li tikseb dak l-istat tagħha bis-saħħa tal-liġi fis-seħħ fl-Italja;

(ii) dwar Malta, kull ċittadin ta' Malta kif provdut fil-Kapitlu III tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Att ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza ta' Malta, u kull persuna, soċjetà jew assoċjazzjoni ġuridika li tikseb dak l-istat tagħha bis-saħħa tal-liġi fis-seħħ f'Malta;

(ħ) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport bil-vapur jew b'inġenji ta' l-ajru mħaddem minn impriża li jkollha l-post tal-maniġġ effettiv tagħha fi Stat Kontraenti, ħlief meta l-vapur jew l-inġenji ta' l-ajru jkun imħaddem biss bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(i) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fil-każ ta' l-Italja, il-Ministeru tal-Finanzi;

(ii) fil-każ ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx xort'oħra mfissra għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikollha l-istess tifsir kif mogħti lilha taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Kontraenti dwar it-taxxi li huma s-suġġett ta' dan il-Ftehim.

ARTIKLU 4

Domiċilju Fiskali

(1) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "persuna residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġi ta' dak l-Istat, tkun suġġetta għat-tassazzjoni hemmhekk minħabba d-domiċilju, ir-residenza jew il-post tal-maniġġ tagħha jew xi kriterju ieħor dwarha ta' din ix-xorta. Il-frażi ma tinkludix kull persuna li jkollha tħallas taxxa f'dak l-Istat Kontraenti biss dwar *income* minn għejjun li jkunu sitwati f'dak l-Istat.

(2) Meta minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) individwu jkun persuna residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istat tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) Dan għandu jitqies bħala persuna residenti ta' l-Istat Kontraenti li fih għandu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu. Jekk dan għandu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati Kontraenti, dan għandu jitqies li hu persuna residenti ta' dak l-Istat Kontraenti li miegħu r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

(b) Jekk l-Istat Kontraenti li fih għandu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jkunx jista' jiġi stabbilit, jew jekk dan ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti f'xi wieħed mill-Istati Kontraenti, dan għandu jitqies li hu persuna residenti ta' l-Istat Kontraenti li fih soltu jirrisjedi;

(ċ) Jekk dan ikollu post fejn soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati Kontraenti jew ma jkollu f'ebda wieħed minnhom, dan għandu jitqies li hu persuna residenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu jkun nazzjonali;

(d) Jekk dan ikun nazzjonali taż-żewġ Stati Kontraenti jew ta' ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jippruvaw jiddeċiedu bi ftehim bejniethom.

(3) Meta minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1), persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura għandha titqies li hi residenti ta' dak l-Istat Kontraenti li fih ikun sitwat il-post ta' maniġġ effettiv tagħha.

ARTIKLU 5

Stabbiliment Permanenti

(1) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post fiss ta' negozju li fih jiġi mmexxi għal kollox jew f'parti x-xogħol ta' l-impriża.

(2) Il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha tinkludi b'mod speċjali:

(a) post ta' maniġġ;

(b) fergħa;

(ċ) uffiċċju;

(d) fabbrika;

(e) ħanut tax-xogħol;

(f) minjiera, barriera jew post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali;

(ġ) sit tal-bini jew proġett ta' kostruzzjoni jew immuntar li jkompli għal aktar minn 12-il xahar;

(ħ) l-għoti ta' servizzi, inkluż servizz ta' konsultazzjoni, minn impriża permezz ta' mpjegati jew ħaddiema oħra, meta attivitajiet ta' din ix-xorta jkomplu (għall-istess proġett jew wieħed konness miegħu) fil-pajjiż għall-perijodu jew perijodi li jaggregaw għal aktar minn tnax-il xahar f'perijodu ta' sentejn.

(3) Il-frażi "stabbiliment permanenti" ma għandhiex titqies li tinkludi:

(a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

(b) it-tiżmim ta' *stock* ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim;

(ċ) it-tiżmim ta' *stock* ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' proċessar minn impriża oħra;

(d) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija, jew għall-ġbir ta' tagħrif għall-impriża;

(e) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss ta' reklam, għall-għoti ta' tagħrif, għal tiftix xjentifiku jew għal attivitajiet bħal dawn li jkunu ta' xorta preparatorja jew awżiljarja, għall-impriża.

(4) Persuna li taġixxi fi Stat Kontraenti f'isem impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor — li ma tkunx aġent ta' *status* indipendenti li għalih japplika l-paragrafu (5) — għandha titqies li tkun stabbiliment permanenti fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk ikollha, u abitwalment teżerċita f'dak l-Istat, awtorità li tikkonkludi kuntratti f'isem l-impriża, kemm-il darba l-attivitajiet tagħha ma jkunux limitati għax-xiri ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

(5) Impriża ta' Stat Kontraenti ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għaliex biss tkun qed tmexxi negozju f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' sensal, aġent ġenerali b'kummissjoni jew xi aġent ieħor bi *status* indipendenti, meta dawk il-persuni jkunu qed jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

(6) Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tmexxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), ma għandux fih innifsu jikkostitwixxi xi waħda mill-kumpanniji stabbiliment permanenti ta' l-oħra.

KAPITLU III

Tassazzjoni ta' 'Income'

ARTIKLU 6

'Income' minn Proprjetà Immobiljari

(1) *Income* minn proprjetà immobiljari jista' jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti li fih dik il-proprjetà tkun qiegħda.

(2) Il-frażi "proprjetà immobiljari" għandha tiġi mfissra skond il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih tkun qiegħda dik il-proprjetà. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobiljari, drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar proprjetà immobiljari. Il-frażi għandha tinkludi wkoll użufrutt ta' proprjetà immobiljari u drittijiet għal ħlasijiet li jvarjaw jew li jkunu fissi bħala kumpens għall-ħdim ta', jew għad-dritt li jinħadmu, depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti, dgħajjes u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobiljari.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragarfu (1) għandhom japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri jew użu ta' kull xort'oħra ta' proprjetà immobiljari.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (3) għandhom japplikaw ukoll għall-*income* minn proprjetà immobiljari ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobiljari li tkun użata għall-qadi ta' servizzi professjonali.

ARTIKLU 7

Profitti minn Negozju

(1) Il-profitti ta' mpriża ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu ntaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tkunx tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk. Jekk l-impriża tmexxi negozju kif intqal qabel, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu ntaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom li jinqalgħu minn dak l-istabbiliment permanenti.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) meta impriża ta' Stat Kontraenti tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti f'kull Stat Kontraenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem l-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kondizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem għal kollox separatament mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti.

(3) Meta jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis spejjeż li jsiru għall-iskopijiet ta' l-istabbiliment permanenti magħduda spejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jsiru, sew jekk fl-Istat li fih l-istabbiliment permanenti jkun qiegħed sew jekk isiru band'oħra.

(4) Safejn ikun soltu li fih Stat Kontraenti jiġu stabbiliti l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti fuq il-bażi ta' tqassim tal-profitti totali ta' l-impriża fuq il-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu (2) ma għandha ttellef lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu ntaxxati skond dak it-tqassim kif soltu jsir. Il-metodu tat-tqassim li jiġi wżat għandu, b'danakollu, ikun hekk li r-riżultat ikun skond il-prinċipji stabbiliti f'dan l-Artiklu.

(5) Ma għandhom jiġu attribwiti ebda profitti lil stabbiliment permanenti minħabba biss ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

(6) Għall-finijiet tal-paragrafi ta' qabel, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti, għandhom jiġu stabbiliti bl-istess mod minn sena għal sena kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u biżżejjed biex isir kuntrarju.

(7) Meta l-profitti jinkludu oġġetti ta' *income* li qed jiġu trattati separatament f'Artikli oħra ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikli ma jiġux imfixkla bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu.

ARTIKLU 8

'Shipping' u Trasport bl-Ajru

(1) Profitti miksuba mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali jiġu ntaxxati biss fl-Istat Kontraenti li fih ikun sitwat il-post tal-maniġġ effettiv ta' l-impriża.

(2) Jekk il-post tal-maniġġ effettiv ta' mpriża tal-baħar ikun fuq vapur jew dgħajsa, allura għandu jitqies li jkun sitwat fl-Istat Kontraenti li fih ikun sitwat il-port tal-pajjiż tal-vapur jew tad-dgħajsa jew, jekk ma jkunx hemm dak il-port tal-pajjiż, fl-Istat Kontraenti fejn l-operatur tal-vapur jew tad-dgħajsa jkun residenti.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) għandhom japplikaw ukoll għal profitti mill-parteċipazzjoni f'*pool*, f'negozju *joint* jew f'aġenzija ta' operazzjoni internazzjonali.

ARTIKLU 9

Impriżi Assoċjati

(1) Meta—

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' mpriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor; jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ jiġu magħmula jew imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji ta' bejniethom li ma jaqblux ma' dawk li kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ kull profitti li, kieku ma kienux dawk il-kondizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal waħda mill-impriżi, iżda, minħabba dawk il-kondizzjonijiet ma ġewx hekk akkumulati, jistgħu jiġu nklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u ntaxxati skond hekk.

ARTIKLU 10

Dividendi

(1) Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu ntaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Iżda dawk id-dividendi jistgħu wkoll jiġu ntaxxati fl-Istat Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li tkun qed tħallas id-dividendi tkun residenti, u skond il-liġi ta' dak l-Istat, iżda:

(a) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti fl-Italja lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tagħhom it-taxxa ta' l-Italja hekk intaxxata m'għandhiex tkun iżjed minn 15 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi;

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti f'Malta lil residenti ta' l-Italja li jkun is-sid benefiċjarju tagħhom:

(i) it-taxxa ta' Malta m'għandhiex tkun iżjed minn dik dovuta fuq il-kumpannija li qed tħallas id-dividendi dwar il-profitti hekk distribwiti;

(ii) minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (1), it-taxxa ta' Malta m'għandhiex tkun iżjed minn 15 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi jekk dawk id-dividendi jitħallsu minn qliegħ jew profitti li jkunu nqalgħu f'xi sena li dwarha l-kumpannija tkun qed tirċievi benefiċċji ta' taxxa taħt id-dispożizzjonijiet dwar għajnuna lill-industriji f'Malta, u l-azzjonista jibgħat prospetti u kontijiet lill-awtoritajiet tat-taxxa f'Malta dwar l-*income* tiegħu suġġett għat-taxxa ta' Malta għas-sena ta' stima relattiva:

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom bi ftehim bejniethom jaqblu fuq il-mod ta' kif għandha titħaddem din il-limitazzjoni.

Dan il-paragrafu m'għandux jolqot it-tassazzjoni tal-kumpannija dwar il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

(3) Il-frażi "dividendi" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn azzjonijiet, azzjonijiet *jouissance* jew drittijiet *jouissance*, azzjonijiet f'minjieri, azzjonijiet tal-

fondaturi jew drittijiet oħra, li ma jkunux talbiet għal dejn, li jipparteċipaw fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporati oħra li huwa meqjus għall-fini tat-taxxa l-istess bħal *income* minn azzjonijiet skond il-liġi dwar it-taxxa ta' l-Istat li fih tkun residenti l-kumpannija li tagħmel it-tqassim.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) m'għandhomx japplikaw jekk min jirċievi d-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor, li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li tkun taqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizzi professjonali minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk u l-*holding* li dwaru d-dividendi jkunu mħallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew ma' dak il-bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dividendi jkunu taxxabbli f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor skond il-liġijiet tiegħu.

(5) Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief meta dividendi bħal dawn jiġu mħallsa lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew meta l-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkollu x'jaqsam effettivament ma' stabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilit li jkun sitwat f'dak l-Istat l-ieħor, jew tissuġġetta l-profitti mhux distribwiti tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux distribwiti, anke jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux distribwiti jikkonsistu f'kollox jew f'parti minnhom minn profitti jew *income* li jinqala' f'dak l-Istat l-ieħor.

ARTIKLU 11

Mgħax

(1) Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u li jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Iżda, dak l-imgħax jista' jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti fejn jinqala', u skond il-liġi ta' dak l-Istat, iżda jekk min jirċevih ikun is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, it-taxxa hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn 10 fil-mija ta' l-ammont gross ta' l-imgħax. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom bi ftehim bejniethom jaqblu fuq il-mod ta' kif għandha titħaddem din il-limitazzjoni.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2), mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti għandu jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat jekk:

(a) min iħallas l-imgħax ikun il-Gvern ta' dak l-Istat Kontraenti jew awtorità lokali ta' hemmhekk; jew

(b) l-imgħax ikun imħallas lill-Gvern ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jew lill-awtorità lokali ta' hemmhekk jew lil xi aġenzija jew instrumentalità (inkluża istituzzjoni finanzjarja) li tkun kollha kemm hi ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' awtorità lokali ta' hemmhekk; jew

(ċ) l-imgħax ikun imħallas lil xi aġenzija jew instrumentalità oħra (inkluża istituzzjoni finanzjarja) dwar self magħmul taħt ftehim konkluż bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati Kontraenti.

(4) Il-frażi "mgħax" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn *securities* tal-Gvern, *bonds* jew *debentures*, sew jekk ipotekati sew jekk le u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti sew jekk le, u drittijiet għal dejn ta' kull xorta kif ukoll kull *income* ieħor li hu assimilat għal *income* fuq flus mislufa mil-liġi tat-taxxa ta' l-Istat fejn l-*income* jinqala'.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) m'għandhomx japplikaw jekk min jirċievi l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor fejn jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti hemmhekk, jew jagħmel servizzi professjonali f'dak l-Istat l-ieħor minn bażi stabbilit hemmhekk u d-dritt għal dejn li minnu jitħallas l-imgħax ikollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew mal-bażi stabbilit. F'dak il-każ, l-imgħax ikun taxxabbli f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor skond il-liġi tiegħu.

(6) L-imgħax għandu jitqies li nqala' fi Stat Kontraenti meta min iħallsu jkun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika jew amministrattiva, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, iżda, il-persuna li tħallas l-imgħax, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti li miegħu jkollu x'jaqsam id-dejn li dwaru tħallas l-imgħax, u dak l-imgħax ikun ir-responsabbiltà ta' dak l-istabbiliment permanenti, allura dak l-imgħax għandu jitqies li nqala' fl-Istat Kontraenti li fih ikun sitwat l-istabbiliment permanenti.

(7) Meta, minħabba relazzjoni speċjali bejn min iħallas u min jirċievi jew bejniethom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont ta' l-imgħax li tħallas, meta jitqies id-dritt għal dejn li dwaru jkun tħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u min jirċevih fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, dik il-parti żejda fuq il-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġi ta' kull Stat Kontraenti, meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

ARTIKLU 12

Royalties

(1) *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat l-ieħor jekk dak ir-residenti jkun is-sid benefiċjarju tar-*royalties* u r-*royalties* ikunu jikkonsistu fi ħlasijiet ta' kwalunkwe xorta li jkunu riċevuti bħala kumpens għall-użu jew għall-jedd ta' l-użu ta' kull dritt ta' l-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku, *films* ċinematografiċi jew *tapes* għat-televiżjoni jew għax-xandir.

(2) *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu ntaxxati f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jekk ir-*royalties* jikkonsistu fi ħlasijiet ta' kwalunkwe xorta riċevuti bħala kumpens għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull invenzjoni, *trade mark*, disinn, mudell, pjan, formula sigrieta jew proċess sigriet, tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku, jew informazzjoni dwar esperjenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika. Iżda, dawk ir-*royalties* jistgħu jiġu ntaxxati wkoll fl-Istat Kontraenti minn fejn jinqalgħu, u skond il-liġi ta' dak l-Istat, imma jekk min jirċevihom ikun is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, it-taxxa hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn 10 fil-mija ta' l-ammont gross ta' dawk ir-*royalties*.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) m'għandhomx japplikaw jekk min jirċievi r-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih ir-*royalties* jinqalgħu, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun qed jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizz professjonali minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk u d-dritt jew il-proprjetà li dwarha jitħallsu r-*royalties* ikollha x'taqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew ma' dak il-bażi stabbilit. F'dak il-każ, ir-*royalties* ikunu taxxabbli f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor skond il-liġi tiegħu.

(4) *Royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fi Stat Kontraenti meta min iħallashom ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika jew amministrattiva, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, iżda, il-persuna li tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti sew jekk le, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti li dwaru jkun sar l-obbligu li jitħallsu r-*royalties*, u dawk ir-*royalties* ikunu r-responsabbiltà ta' dak l-istabbiliment permanenti, allura dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fl-Istat Kontraenti li fih ikun qiegħed l-istabbiliment permanenti.

(5) Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u min jirċievi jew bejniethom stess u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties* imħallas, meta jitqies l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li għalih ikunu mħallsa, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u min jirċievi fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġi ta' kull Stat Kontraenti, meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

ARTIKLU 13

Qliegħ Kapitali

(1) Qliegħ mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli, kif imfisser fil-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 6, jista' jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti li fih dik il-proprjetà tkun sitwata.

(2) Qliegħ minn trasferiment ta' proprjetà mobbli li tkun tifforma parti mill-proprjetà ta' negozju ta' stabbiliment permanenti li mpriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni lil bażi stabbilit li jkun għad-dispożizzjoni ta' residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għall-fini ta' qadi ta' servizzi professjonali, inkluż il-qliegħ mill-bejgħ ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża shiha) jew ta' dak il-bażi stabbilit, jista' jiġi ntaxxat fl-Istat l-ieħor. Iżda, qliegħ mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru mħaddma fi traffiku internazzjonali, kif ukoll qliegħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tappartjeni għall-operazzjoni ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru bħal dawn, għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li fih ikun sitwat il-post ta' maniġġ effettiv tagħha.

(3) Qliegħ mill-bejgħ ta' kull proprjetà barra minn dik imsemmija fil-paragrafi (1) u (2) ikun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li tiegħu min ibiegħ ikun residenti.

ARTIKLU 14

Servizzi Personali Indipendenti

(1) *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar servizzi personali jew dwar attivitajiet indipendenti oħra bħal dawn għandu jiġi ntaxxat biss f'dak l-Istat. Iżda, dan l-*income* jista' jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor f'dawn iċ-ċirkostanzi:

(a) jekk ikollha bażi stabbilit li hi tista' tuża regolarment fl-Istat Kontraenti l-ieħor sabiex taqdi l-attivitajiet tagħha (f'liema każ dik il-parti biss ta' l-*income* li tkun attribwibbli għall-bażi stabbilit tista' tkun intaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor); jew

(b) jekk il-waqfa tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun għal żmien jew żminijiet li jammontaw għal jew ma jkunux aktar fit-total minn 183 ġurnata f'xi sena kalendarja.

(2) Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi, speċjalment, attivitajiet indipendenti xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi u ta' tagħlim kif ukoll attivitajiet indipedenti ta' tobba, avukati, inġiniera, periti, dentisti u *accountants*.

ARTIKLU 15

Servizzi Personali Dipendenti

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 16, 18, 19 u 20, salarji, pagi u kumpens ieħor bħal dan li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1), kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor ikun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun qiegħed fl-Istat l-ieħor għal żmien jew żminijiet li fit-total ma jkunux aktar minn 183 ġurnata fis-sena kalendarja li tkun; u

(b) il-kumpens ikun imħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti ta' l-Istat l-ieħor; u

(ċ) il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, kumpens dwar impieg eżerċitat abbord bastiment jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat Kontraenti li fih ikun sitwat il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża.

ARTIKLU 16

Drittijiet tad-Diretturi

Id-drittijiet u ħlasijiet simili tad-diretturi li jinqalgħu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kariga tiegħu bħala membru tal-bord tad-diretturi jew korp bħal dan ta' kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu ntaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

ARTIKLU 17

Artisti u Atleti

(1) B'dak kollu li jinsab fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 14 u 15, *income* li jinqala' minn min jagħmel spettakoli pubbliċi ta' divertiment, bħal artisti tat-teatru, tal-*films* ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, u mużiċisti, u minn atleti, mill-attivitajiet personali tagħhom bħala hekk jista' jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti li fihom dawk l-attivitajiet jiġu eżerċitati.

(2) Meta *income* dwar attivitajiet personali bħal dawk ta' min jagħmel spettakoli jew ta' atleta ma jmurx għal dak li jagħmel spettakoli jew għal atleta nnifsu iżda għal persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 7, 14 u 15, jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti li fih l-attivitajiet ta' min jagħmel spettakoli jew ta' l-atleta jiġu eżerċitati.

ARTIKLU 18

Pensjonijiet u Hlasijiet fis-Sena

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 19, pensjonijiet u rimunerażżjoni oħra bħalhom, u ħlasijiet fis-sena, imħallsa lil residenti ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

(2) Kif użata f'dan l-Artiklu:

(a) il-frażi "pensjonijiet u rimunerazzjoni oħra bħalhom" tfisser ħlasijiet perjodiċi li jsiru wara rtirar b'kumpens għal impieg ta' qabel, jew bħala kumpens għal korrimenti li jiġġarrbu minn impieg ta' qabel;

(b) il-frażi "ħlas fis-sena" tfisser somma stabbilita mħallsa perjodikament matul il-ħajja, jew matul perijodu ta' żmien speċifikat jew li jista' jiġi aċċertat, bl-obbligu li jsiru l-ħlasijiet bi tpattija għal kumpens xieraq u sħiħ fi flus jew f'dak li jiswa flus.

ARTIKLU 19

Servizz tal-Gvern

(1) (a) Rimunerazzjoni, barra minn pensjoni, imħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità lokali tiegħu għandha tkun taxxabbli biss f'dak l-Istat.

(b) Iżda, dik il-pensjoni għandha tkun taxxabbli fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk min jirċeviha jkun nazzjonali u residenti ta' dak l-Istat.
residenti ta' dak l-Istat Kontraenti l-ieħor li:

(i) ikun nazzjonali ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat sabiex biss jagħti dawk is-servizzi.

(2) (a) Kull pensjoni mħallsa minn, jew mill-fondi maħluqa minn, Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni politika jew amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità lokali tiegħu għandha tkun taxxabbli biss f'dak l-Istat;

(b) Iżda, dik il-pensjoni għandha tkun taxxabbli fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk min jirċeviha jkun nazzjonali u residenti ta' dak l-Istat.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 15, 16 u 18 għandhom japplikaw għal rimunerazzjoni u pensjonijiet dwar servizzi mogħtija dwar kummerċ jew negozju mmexxi minn wieħed mill-Istati Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1)(a) għandhom japplikaw bl-istess mod dwar rimunerazzjoni mħallsa, taħt programm ta' assistenza għall-iżvilupp ta' Stat Kontraenti, ta' sottodiviżjoni politika jew amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu, minn fondi maħruġa esklussivament minn dak l-Istat, dawk is-sottodiviżjonijiet jew

awtoritajiet lokali tiegħu, lil speċjalista jew voluntier sekondat lill-Istat Kontraenti l-ieħor bil-kunsens ta' dak l-Istat l-ieħor.

ARTIKLU 20

Għalliema, Studenti u 'Trainees'

(1) Professur jew għalliem li jagħmel żjara temporanja fi Stat Kontraenti għal perijodu li ma jkunx aktar minn sentejn biex jgħallem jew biex jagħmel riċerka f'università, kulleġġ, skola jew istituzzjoni edukattiva oħra, u li jkun, jew minnufih qabel dik iż-żjara kien, residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi dwar rimunerazzjoni għal dak it-tagħlim jew riċerka.

(2) Ħlasijiet li student jew *trainee* li jkun jew li qabel kien residenti ta' Stat Kontraenti u li jkun qiegħed fl-Istat Kontraenti l-ieħor biss għall-fini ta' l-edukazzjoni jew taħriġ tiegħu, jirċievi għal għan tal-manteniment, edukazzjoni jew taħriġ għandu jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor, sakemm dawk il-ħlasijiet isiru lilu minn barra dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

(3) Rimunerazzjoni li *trainee* li jkun jew qabel kien residenti ta' Stat Kontraenti jikseb minn impieg li hu jeżerċita fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal għan ta' taħriġ prattiku għal perijodu ta' żmien li raġonevolment hu meħtieġ biex jispiċċa t-taħriġ tiegħu m'għandhiex tkun intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor.

(4) Rimunerazzjoni li student li jkun jew qabel kien residenti ta' Stat Kontraenti jikseb minn impieg *part-time* li hu jeżerċita fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal perijodu ta' żmien li raġonevolment hu meħtieġ biex jispiċċa l-istudji tiegħu m'għandhiex tkun intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor.

ARTIKLU 21

"Income" ieħor

(1) Oġġetti ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux trattati fl-Artikli ta' qabel ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) m'għandhomx japplikaw jekk min jirċievi l-*income*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizzi professjonali minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarha jitħallas l-*income* ikollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit. F'dak il-każ l-oġġetti ta' l-*income* jkunu taxxabbli f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor skond il-liġi tiegħu.

KAPITLU IV

Metodu għat-Tneħħija ta' Taxxa Doppja

ARTIKLU 22

Tneħħija ta' Taxxa Doppja

(1) Taxxa doppja għandha tiġi mneħħija skond il-paragrafi li ġejjin ta' dan l-Artiklu.

(2) Jekk residenti ta' l-Italja jkollu oġġetti ta' l-*income* li jkunu taxxabbli f'Malta, l-Italja meta tiddetermina t-taxxi fuq l-*income* speċifikati fl-Artiklu 2 ta' dan il-Ftehim, tista' tinkludi fil-bażi li fuqha dawn it-taxxi jiġu mposti l-oġġetti ta' l-*income* msemmija, kemm-il darba dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan il-Ftehim ma jgħidux xort'oħra.

F'dak il-każ, l-Italja għandha tnaqqas mit-taxxi hekk ikkalkolati t-taxxa ta' Malta fuq l-*income*, imma f'ammont li ma jkunx aktar minn dak il-proporzjon tat-taxxa ta' l-Italja msemmija qabel li dawk l-oġġetti ta' l-*income* jkollhom ma' l-*income* sħiħ.

Għall-kuntrarju l-ebda tnaqqis ma jingħata jekk l-oġġetti ta' l-*income* jkunu suġġetti fl-Italja għal taxxa minn ras il-għajn finali li tintalab minn min qed jirċievi l-*income* skond il-liġi ta' l-Italja.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar l-għoti ta' kreditu kontra t-taxxa ta' Malta dwar taxxa ta' barra minn Malta, meta, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun hemm magħdud fi stima ta' Malta *income* minn għejjun li jkunu fl-Italja, it-taxxa ta' l-Italja fuq dak l-*income* għandha tingħata bħala kreditu kontra t-taxxa ta' Malta li titħallas fuqu.

(4) Għall-finijiet tal-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-Artiklu, meta taxxa fuq dividendi, imgħax jew *royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti tkun eżentata jew imnaqqsa għal perijodu limitat ta' żmien skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, kull taxxa bħal dik li ġiet eżentata jew imnaqqsa għandha titqies li tħallset f'ammont li ma jkunx aktar minn:

(a) 15 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi msemmija fl-Artiklu 10;

(b) 10 fil-mija ta' l-ammont gross ta' l-imgħax imsemmi fl-Artiklu 11; u

(ċ) 10 fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties* imsemmija fl-Artiklu 12.

KAPITLU V

Dispożizzjonijiet Speċjali

ARTIKLU 23

Ebda Diskriminazzjoni

(1) Nazzjonali ta' Stat Kontraenti, sew jekk ikunu residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti sew jekk le, m'għanhomx jiġu suġġetti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni, jew xi ħtieġa li għandha x'taqsam magħha, li ma tkunx jew li tkun ta' piż aktar mit-tassazzjoni u ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu magħha li għalihom nazzjonali ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi huma jew jistgħu jkunu suġġetti.

(2) It-tassazzjoni fuq stabbiliment permanenti li mpriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor m'għandhiex tingħabar f'dak l-Istat l-ieħor b'mod inqas

favorevoli mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi f'dak l-Istat l-ieħor li jmexxu l-istess attivitajiet.

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tiftiehem bħala li tobbliga Stat Kontraenti li jagħti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi tnaqqis personali, ħelsien u tnaqqis għal finijiet ta' tassazzjoni minħabba l-istat ċivili jew ir-responsabbiltajiet tal-familja jew xi ċirkostanzi personali oħra li jagħti lil residenti tiegħu stess.

(3) Ħlief fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 9, tal-paragrafu (7) ta' l-Artiklu 11, jew tal-paragrafu (5) ta' l-Artiklu 12, imgħax, *royalties* u nfieq ieħor imħallas minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, sabiex jiġu stabbiliti l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, ikunu jistgħu jitnaqqsu taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku kienu tħallsu lil residenti ta' l-Istat imsemmi l-ewwel.

(4) Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom, għal kollox jew f'parti, ikun proprjetà ta' jew ikkontrollat minn, direttament jew indirettament, residenti wieħed jew aktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, m'għandhomx ikunu suġġetti fl-Istat Kontraenti msemmi l-ewwel għal xi tassazzjoni jew xi ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu magħha li ma tkunx, jew li tkun ta' piż aktar minn, it-tassazzjoni u ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu magħha li għalihom impriżi bħal dawk ta' l-Istat imsemmi l-ewwel huma jew jistgħu jkunu suġġetti.

(5) F'dan l-Artiklu l-frażi "tassazzjoni" tfisser taxxi ta' kull xorta u deskrizzjoni.

ARTIKLU 24

Proċedura għal Ftehim Reċiproku

(1) Meta residenti ta' Stat Kontraenti jidhirlu li l-azzjonijiet ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn iwasslu jew jistgħu jwasslu li jiġi ntaxxat mhux skond dan il-Ftehim, hu jista', minkejja r-rimedji provduti bil-liġijiet nazzjonali ta' dawk l-Istati, jippreżenta l-każ tiegħu lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu jkun residenti jew, jekk il-każ tiegħu jaqa' taħt il-paragrafu (1) ta' l-Artiklu 23, għal dak ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu hu nazzjonali. Dan il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin mill-ewwel notifika ta' l-azzjonijiet li jagħtu lok għal tassazzjoni mhux skond dan il-Ftehim.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tara, jekk l-oġġezzjoni tidher li tkun ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni xierqa, li tiddeċiedi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-ħsieb li tiġi evitata tassazzjoni li ma tkunx skond dan il-Ftehim. Kull ftehim li jintlaħaq għandu jiġi implimentat minkejja kull limiti ta' żmien fil-liġijiet nazzjonali ta' l-Istat Kontraenti.

(3) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jaraw li jiddeċiedu bi ftehim reċiproku kull diffikultajiet jew dubji li jinqalgħu dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Huma jistgħu wkoll jikkonsultaw lil xulxin fuq il-ħelsien minn taxxa doppja f'każijiet li mhux provdut għalihom fil-Ftehim.

(4) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw flimkien direttament sabiex jilħqu ftehim, fis-sens tal-paragrafi ta' qabel dan.

ARTIKLU 25

Tibdil ta' Informazzjoni

(1) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jibdlu dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa sabiex iseħħ dan il-Ftehim jew il-liġijiet domestiċi ta' l-Istati

Kontraenti dwar taxxi milquta b'dan il-Ftehim sakemm it-tassazzjoni skond dawk il-liġijiet ma tmurx kontra dan il-Ftehim, kif ukoll biex tiġi evitata evażjoni fiskali. It-tibdil ta' informazzjoni ma jkunx ristrett bl-Artiklu 1. Kull informazzjoni li tasal għand Stat Kontraenti għandha titqies sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni miksuba taħt il-liġi domestika ta' dak l-Istat u għandha titgħarraf biss lil persuni jew awtoritajiet (magħduda qrati u korpi amministrattivi) imdaħħla fl-istima jew ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew il-qtugħ ta' appelli dwar, it-taxxi milquta bil-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw l-informazzjoni għal dawk l-għanijiet biss. Dawn il-persuni jew awtoritajiet jistgħu jagħtu l-informazzjoni fi proċeduri pubbliċi ta' qrati jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

(2) F'ebda każ ma għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jieħu miżuri amministrattivi li ma jaqblux mal-liġijiet jew l-użanzi amministrattivi ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet tal-kummerċ, tan-negozju, industrijali, kummerċjali jew professjonali jew proċess tal-kummerċ, jew informazzjoni li l-kxif tagħha jkun kontra l-ordni pubbliku *(ordre public)*.

ARTIKLU 26

Uffiċjali Diplomatiċi u Konsulari

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim m'għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' l-uffiċjali diplomatiċi jew konsulari taħt ir-regoli ġenerali tal-liġi internazzjonali jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' ftehim speċjali.

ARTIKLU 27

Rifużjoni

(1) Taxxi miżmuma minn ras il-għajn fi Stat Kontraenti għandhom ikunu rifużi fuq it-talba tat-*taxpayer* jew ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu jkun residenti, jekk id-dritt li jingabru t-taxxi msemmija jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

(2) Talbiet għal rifużjoni għandhom isiru fil-limitu ta' żmien preskritt mil-liġi ta' l-Istat Kontraenti li jkun obbligat li jagħmel il-ħlas lura u għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat l-ieħor li tiegħu jkun residenti min qed jagħmel it-talba.

(3) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom bi ftehim reċiproku jaqblu fuq il-mod kif għandu jiġi applikat dan l-Artiklu, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 24 ta' dan il-Ftehim.

KAPITLU VI

Dispożizzjonijiet Finali

ARTIKLU 28

Bidu fis-Seħħ

(1) Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat u d-dokumenti ta' ratifika għandhom jiġu mibdula f'Ruma kemm jista' jkun malajr.

(2) Il-Ftehim għandu jibda jseħħ wara t-tibdil tad-dokumenti ta' ratifika, u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandu jkollhom effett:

(a) fl-Italja, dwar *income* li fuqu ssir stima għal xi perijodu taxxabbli li jibda fl-ewwel jew wara l-ewwel ta' Jannar, 1976;

(b) f'Malta, dwar taxxi li jkunu mposti għal xi sena ta' stima li tibda mis-sena ta' stima li fiha ssir l-istima ta' l-*income* ta' l-1976.

(3) Kull talba għal rifużjoni jew kreditu li ssir skond dan il-Ftehim dwar xi taxxa li għandha titħallas minn residenti ta' Stat Kontraenti li tirreferi għal perijodi taxxabbli li jibdew fl-1 jew wara l-1 ta' Jannar 1976 u sakemm jibda fis-seħħ dan il-Ftehim għandha ssir fi żmien tliet snin mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew mid-data ta' meta t-taxxa tiġi mposta, liema minnhom ikun l-iżjed tard. Xejn minn dan m'għandu jnaqqas xi limitu ta' żmien itwal li jkun għad-dispożizzjoni ta' residenti għal dan il-għan taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu jkun residenti.

ARTIKLU 29

Terminazzjoni

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ għal żmien mhux stabbilit iżda kull wieħed mill-Istati Kontraenti jista', fit-tletin jew qabel it-tletin ta' Ġunju ta' xi sena kalendarja li tibda wara li jgħaddi ż-żmien ta' ħames snin mid-data tal-bidu fis-seħħ tiegħu, jagħti lill-Istat Kontraenti l-ieħor, permezz ta' mezzi diplomatiċi, avviż ta' terminazzjoni bil-miktub u, f'dak il-każ, il-Ftehim ma jibqax iseħħ:

(a) fl-Italja, dwar *income* li fuqu ssir stima għal xi perijodu taxxabbli li jibda fl-ewwel jew wara l-ewwel ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi wara dik li fiha jingħata l-avviż ta' terminazzjoni;

(b) f'Malta, dwar taxxi li jkunu mposti għal xi sena ta' stima fuq *income* miksub matul xi żmien li jibda fl-ewwel ta' Jannar fis-sena li tiġi wara dik li fiha jingħata l-avviż ta' terminazzjoni, jew fi snin ta' wara.

B'XIEHDA TA' DAN l-hawn taħt iffirmati, awtorizzati kif imiss, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta, illum 16 ta' Lulju, 1981 in duplikat fl-ilsien Taljan u Ingliż, iż-żewġ testi huma t-tnejn awtentiċi.

Għal Gvern tar-Repubblika ta' Malta
Robert Stivala,
Segretarju, Ministeru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu.

Għal Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja
Maurizio Battaglini,
Ambaxxatur ta' l-Italja.

PROTOKOL

Fl-iffirmar tal-Ftehim li sar illum bejn ir-Repubblika ta' Malta u r-Repubblika ta' l-Italja għall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, l-hawn taħt iffirmati ftehmu fuq id-dispożizzjonijiet addizzjonali li ġejjin li għandhom jiffurmaw parti integrali mill-Ftehim.

I B'riferenza għall-Artiklu 3, fil-każ li jintlaħaq ftehim bejn Malta u l-Italja li jirregola d-drittijiet rispettivi tagħhom fuq il-blata kontinentali u affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, l-Istati Kontraenti għandhom jidħlu f'negozjati biex tinbidel id-definizzjoni ta' Italja u Malta minħabba l-ftehim milħuq.

II B'riferenza għall-Artiklu 5, sit 'il barra mill-kosta fejn isir tħaffir hu inkluż fl-espressjoni "minjiera, barriera jew post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali" fil-paragrafu (2)(f) tiegħu.

III B'riferenza għall-paragrafu (3) ta' l-Artiklu 7, l-espressjoni "spejjeż li jsiru għall-iskopijiet ta' l-istabbiliment permanenti" tfisser spejjeż li għandhom x'jaqsmu direttament ma' l-attività ta' l-istabbiliment permanenti.

IV (a) B'riferenza għall-Artiklu 8, meta qliegħ miksub mit-tmexxija ta' bastiment fi traffiku internazzjonali minn impriża li l-post tal-maniġġ effettiv tagħha jkun sitwat f'Malta jkun eżentat minn taxxa taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 86 ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, jew taħt xi dispożizzjonijiet identiċi jew jixbħuhom, dak il-qliegħ jista' jiġi ntaxxat fl-Italja jekk ma jiġix pruvat għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti fl-Italja li mhux iktar minn għoxrin fil-mija tal-kapital tal-kumpannija li tagħha jkun il-bastiment relattiv ikun direttament jew indirettament proprjetà ta' persuni li ma jkunux residenti ta' Malta.

(b) B'riferenza wkoll għall-Artiklu 8, impriża ta' Stat Kontraenti li tikseb qliegħ mit-tmexxija ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali ma għandhiex tkun suġġetta għal xi taxxa fuq l-*income* lokali mposta fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

V B'riferenza għall-paragrafu (1) ta' l-Artiklu 24, l-espressjoni "minkejja r-rimedji provduti bil-liġijiet nazzjonali" tfisser li l-proċedura għal ftehim reċiproku mhix alternattiva għal proċedimenti nazzjonali ta' kontestazzjoni li għandhom, f'kull każ, jinbdew fil-limitu ta' żmien tal-liġi nazzjonali.

VI Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' l-Artiklu 27 ma għandux iżomm lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti milli jadottaw, bi ftehim reċiproku, proċeduri oħra għat-tnaqqis ta' tassazzjoni skond dan il-Ftehim.

VII Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 28, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 8 għandhom japplikaw dwar *income* miksub matul xi perijodu taxxabbli li jibda fl-1 ta' jew wara l-1 ta' Jannar, 1969.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta, illum 16 ta' Lulju, 1981 in duplikat fl-ilsien Taljan u Ingliż, iż-żewġ testi huma t-tnejn awtentiċi.

Għal Gvern tar-Repubblika ta' Malta
Robert Stivala,
Segretarju, Ministeru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu.

Għal Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja
Maurizio Battaglini,
Ambaxxatur ta' l-Italja.

TIBDIL TA' ITTRI

16 ta' Lulju, 1981

Eċċellenza,

Għandi l-unur li nirreferi għall-Artiklu 12 tal-Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' l-Italja għall-ħelsien minn taxxa doppja dwar taxxi fuq l-*income* u biex tiġi evitata evażjoni fiskali ffirmat illum fil-Belt Valletta, u li nipproponi f'isem il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja, li ż-żewġ Gvernijiet għandhom jiftehmu li, jekk il-Gvern ta' Malta jikkonkludi ftehim ma' xi pajjiż ieħor ta' l-OECD li jillimita r-rata tat-taxxa fuq ir-*royalties* li jirreferi għaliha l-paragrafu (2) ta' dan l-Artiklu għal rata li tkun inqas minn għaxra fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties*, iż-żewġ Gvernijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-ħsieb li jinbidel dan l-Artiklu sabiex jingħata l-istess trattament fuq bażi reċiproka. Il-Gvern ta' Malta għandu jgħarraf lill-Gvern ta' l-Italja dwar xi Ftehim ġdid ma' pajjiżi ta' l-OECD li jkollu rata ta' inqas minn għaxra fil-mija fuq dawn ir-*royalties* kemm jista' jkun malajr.

Iżjed minn hekk għandi l-unur li nipproponi li n-Nota preżenti u r-risposta ta' l-Eċċellenza Tiegħek fejn tikkonferma li l-Gvern ta' Malta jaqbel mal-proposta ta' hawn fuq għandha titqies li tikkostitwixxi ftehim bejn iż-żewġ Gvernijiet dwar il-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 12 ta' dan il-Ftehim.

Nieħu din l-okkażjoni biex nestendi lill-Eċċellenza Tiegħek l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Maurizio Battaglini,
Ambaxxatur tar-Repubblika
ta' l-Italja.

Is-Sur Robert Stivala,
Segretarju,
Ministeru tal-Finanzi, Dwana
u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu,
Valletta.

16 ta' Lulju, 1981

Eċċellenza,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek li ġġib id-data tal-lum u li tgħid hekk:

"Għandi l-unur li nirreferi għall-Artiklu 12 tal-Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' l-Italja għall-ħelsien minn taxxa doppja dwar taxxi fuq l-*income* u biex tiġi evitata evażjoni fiskali ffirmat illum fil-Belt Valletta, u li nipproponi f'isem il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja, li ż-żewġ Gvernijiet għandhom jiftehmu li, jekk il-Gvern ta' Malta jikkonkludi ftehim ma' xi pajjiż ieħor ta' l-OECD li jillimita r-rata tat-taxxa fuq ir-*royalties* li jirreferi għaliha l-paragrafu (2) ta' dan l-Artiklu għal rata li tkun inqas minn għaxra fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties*, iż-żewġ Gvernijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-ħsieb li jinbidel dan l-Artiklu sabiex jingħata l-istess trattament fuq bażi reċiproka. Il-Gvern ta' Malta għandu jgħarraf lill-Gvern ta' l-Italja dwar xi Ftehim ġdid ma' pajjiżi ta' l-OECD li jkollu rata ta' inqas minn għaxra fil-mija fuq dawn ir-*royalties* kemm jista' jkun malajr.

"Iżjed minn hekk għandi l-unur li nipproponi li n-Nota preżenti u r-risposta ta' l-Eċċellenza Tiegħek fejn tikkonferma li l-Gvern ta' Malta jaqbel mal-proposta ta' hawn fuq għandha titqies li tikkostitwixxi ftehim bejn iż-żewġ Gvernijiet dwar il-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 12 ta' dan il-Ftehim.

"Nieħu din l-okkażjoni biex nestendi lill-Eċċellenza Tiegħek l-assigurazzjoni ta' l-oġħla konsiderazzjoni tiegħi."

Għandi l-unur li ninfurmak li l-Gvern ta' Malta jaqbel mal-proposta ta' hawn fuq.

Nieħu din l-okkażjoni biex nestendi lill-Eċċellenza Tiegħek l-assigurazzjoni ta' l-oġħla konsiderazzjoni tiegħi.

Robert J. Stivala,
Segretarju,
Ministeru tal-Finanzi, Dwana u
Investimenti Finanzjarji tal-Poplu.

L-Eċċellenza Maurizio Battaglini,
Ambaxxatur tar-Repubblika ta' l-Italja.